MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 419/2002/1

Maltacom p.l.c.
vs
Alfred u Joan mizzewgin Mizzi, JAJ Company Limited (C 22257), Nicholas Agius, Mario Ellul u b'digriet tal-4 ta Gunju 2002 giet kjamata fil-kawza l-Korporazzjoni Enemalta p.l.c.

Il-Qorti,

**CITAZZJONI:**
Rat illi s-socjeta` attrici ppresentat citazzjoni u semmiet illi l-konvenuti fl-20 ta' April 2000 kkawzaw danni fil-proprjeta` tal-mittenti f'3rd Avenue, Bulebel Industrial Estate, Zejtun quddiem il-fabbrika tal-Brandstatter Limited, kif jidher minn dokument anness mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok 'A',

Peress illi d-danni sofferti mill-kumpanija attrici bhala konsegwenza tal-hsarat kkawzati fl-imsemmija proprjeta jammontaw ghal wiehed u tletin elf mija u sebgha u

erbghin liri maltin u tlieta u tmenin centezmu (LM31,147.83),

Peress illi l-konvenuti interpellati sabiex ihallsu l-ammont fuq indikat permezz ta’ ittra ufficjali datata 25 ta Mejju 2000, huma baqghu inadempjenti,

L-atturi konsegwentement talbu lill-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-hsara kawzata fil-proprjeta` tal-kumpanija attrici f’3rd Avenue, Bulebel Industrial Estate Zejtun fl-20 ta April 2000;

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-kumpanija attrici s-somma ta’ wiehed u tletin elf, mija u sebgha u erbghin liri Maltin u tlieta u tmenin centezmu (LM 31,147.83) in linea ta’ danni sofferti mill-kumpanija attrici bhala konsegwenza tal-hsarat kawzati fl-istess proprjeta` kif fuq premess.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tat-taxxa tal-Vat fuq id-drittijiet professjonali, dawk tal-ittra ufficjali datat 25 ta’ Mejju 2000, u bl-imghax legali mid-data tal-hsara sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tar-rapprezentant tas-socjeta` attrici kif ukoll il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti.
Rat illi s-socjeta` attrici ipprezentat rikors datat 11 ta’ April 2002 fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti tiffissa gurnata u hin bl-urgenza sabiex tinstema’ din il-kawza sabiex tigi trattata u deciza skond il-ligi.

Rat illi b’digriet taghha tal-15 ta April 2002 din il-Qorti diversament presjeduta kienet ipprovdiet billi cahdet it-talba tas-socjeta` attrici minhabba li l-biza’ tas-socjeta` rikorrenti jista’ jissolva bi proceduri ohrajn.

**ECCEZZJONIJIET:**
Rat illi l-konvenuti eccepew:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-konvenuti m'ghandhomx jinsabu responsabbli ghall-hsara kawzata fil-proprjeta` tal-kumpanija attrici f'3rd Avenue Bulebel Industrial Estate, Zejtun fl-20 ta April 2000;

2. Illi meta sehh l-incident il-konvenuti kienu qed jaghmlu xoghol konsistenti f'tibdil ta' poles ta' l-elettriku abbazi ta kuntratt ta' appalt li s-socjeta` konvenuta JAJ Company Limited ghamlet ma' l-Enemalta Corporation u li ghalhekk ghandha tigi kjamata fil-kawza;

3. Illi l-Enemalta Corporation ma tat ebda pjanti lil konvenuti, jew min minnhom, sabiex ikunu jidderigu ruhhom fl-inkarigu taghhom;

4. Illi l-hsara kagunata sehhet 'l ghaliex cables tal-Maltacom p.l.c. kienu sottoposti ghall-cables tal-Enemalta;

5. Illi minghajr pregudizju ghas-suespost, l-ammont pretiz mis-socjeta attrici huwa eccessiv;

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet taghha moghti fis-seduta tal-4 ta Gunju 2002, fejn din il-Qorti b'referenza ghat-tieni eccezzjoni tal-konvenuti wara li rat l-artikolu 961 tal-Kap 12, ordnat is-sejha fil-kawza a spejjes tal-istess konvenuti tal-Korporazzjoni Enemalta.

Rat illi fit-22 ta' Awissu 2002 l-Korporazzjoni Enemalta giet notifikata bic-citazzjoni u fil-11 ta' Settembru 2002 l-istess Korporazzjoni pprezentat in-nota ta' eccezzjonijiet taghha fejn eccepiet:-

1. Illi preliminarjament it-talba attrici fil-konfront tal-Korporazzjoni kjamata in kawza hija preskritta ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-ligijiet ta Malta);

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt fil-konfront tal-korporazzjoni Enemalta stante li l-eccipjenti assolutament ma hijiex responsabbli ghall-akkadut;

3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija palezament eccessiva.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Dr. Damien Degiorgio ghan-nom tas-socjeta` kjamata in kawza, il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tal-Qorti tas-7 ta Jannar 2003 fejn Dr. Caruana ghas-socjeta` attrici ddikjara li l-incident in kwistjoni gara fl-20 ta' April 2000, li l-partijiet jaqblu li l-korporazzjoni Enemalta giet notifikata ghall-ewwel darba fit-22 ta Awissu 2002, u li Dr. Vella ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta kien qed jinsisti fuq l-eccezzjoni tieghu presentat fil-11 ta Settembru, 2002 fol 29 para 1.

Rat illi fid-29 ta' Ottubru 2003 il-kawza giet differita ghad-decizjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

**KONSIDERAZZJONI LEGALI U FATTWALI:**
Illi din is-sentenza hija limitata biss ghat-tieni eccezzjoni tal-Korporazzjoni Enemalta kjamata in kawza b'digriet tal-Qorti ta' l-4 ta' Gunju, 2002. Il-Korporazzjoni kjamata in kawza ticcita l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta in sostenn tat-tezi taghha.

Dan l-artikolu tal-Ligi jistipula illi:

"L-azzjoni ghall-hlas tal-hsarat mhux ikkagunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn"

Dan l-artikolu li precedentement kien l-artikolu 2258 jirrigwarda danni derivanti minn htija jew "culpa" extra kontrattwali kif imsejha komunement "Culpa Aquiliana". Din hija applikabbli ghal danni li jitnisslu minn delitti fis-

sens civili u kwazi delitti. Skond il-gurisprudenza taghna din il-preskrizzjoni tibda tghaddi mill-jum li fih ikun gara l-fatt illecitu u minnha jidderiva d-dannu u mhux mill-jum meta l-parti leza tigi taf bih. Huwa biss fil-kaz ta' htija extra-kontrattwali li jkollha l-effikacja l-preskrizzjoni eccepita.

Jirrizulta mill-atti illi bejn is-socjeta attrici u dik kjamata in kawza ma hemm l-ebda relazzjoni kontrattwali. Jirrizulta anzi illi hemm relazzjoni kontrattwali bejn is-socjeta konvenuta JAJ Co. Ltd u l-Korporazzjoni kjamata in kawza. (Ara id-dokumenti esbiti a fol. 32 et seq. tal-process).

Illi jirrizulta ammess u dan fin-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti illi effettivament saru hsarat, pero` fil-fehma tal-konvenuti dawn sehhew minhabba nuqqasijiet attribwibbli lill-Korporazzjoni kjamata in kawza.

Illi ghalhekk mill-provi li jirrizultaw sa issa esebiti fil-process ma jidhirx li hemm relazzjoni kontrattwali bejn is-socjeta` attrici u l-Korporazzjoni kjamata fil-kawza.

Illi l-konvenuti fin-nota ta eccezzjonijiet taghhom pprovaw jallaccjaw ma' l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili li jistipula illi:-

"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin:…

(f) l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrisulta minn att pubbliku."

Illi din il-Qorti ma thossx li dan l-argument japplika f'dan il-kaz in ezami u dan peress illi tali artikolu 2156(f) japplika biss f'kaz ta relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet, haga li l-konvenut naqas li jipprova ghalkemm iccita dan l-artikolu fin-nota tieghu.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Xuereb vs Nutar Emanuel Agius** deciza fil-31 ta Ottubru 1959 moghtija minn din il-Qorti kif diversament preseduta (Imh. Dr. A. V. Camilleri) XLIII-II- 789, il-Qorti irriteniet illi dawn id-danni li talvolta jistghu jigu reklamati a tenur ta' l-artikolu 2153 tal- Kap 16 ghandhom ikunu danni li jirrizultaw minn htija ossia kolpa extra-kontrattwali u hu mehtieg li l-vjolazzjoni ma jkollhiex ebda rapport dirett mal-kuntratt pre-ezistenti.

In oltre fl-istess sentenza jinghad illi l-perjodu preskrittiv jibda jiddekorri mil-jum li fih issehh il-hsara reklamata u mhux mid-data meta l-persuna li sofriet dawn id-danni ssir taf bil-hsara (ara ukoll f'dan is-sens **Carmelo Micallef vs Brig. J. Belle Mc Cance** deciz fit-30 ta' Mejju 1952 mill-Qorti ta' l-Appell, **Scicluna noe vs Tracey** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Gunju 1900 u **M. Mifsud vs E. Buhagiar** deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta' Jannar 1935.

Mill-provi prodotti jirrizulta u dan anke kif dikjarat mis-socjeta attrici fil-verbal maghmul minnha fis-7 ta Jannar 2003 li l-incident mertu ta' dan il-kaz sehh fl-20 ta' April 2000 waqt li l-ewwel notifika li rceviet il-Korporazzjoni Enemalta in konnessjoni ma' dan il-kaz kienet fit-22 ta' Awwissu 2002 u cioe` sentejn u erba' xhur wara li sehh l-incident.

Il-perjodu preskrittiv ta' sentejn applikabbli f'dan il-kaz allura beda jiddekorri mill-20 ta' April 2000.

Minn ezami ta' l-atti processwali ma jirrizultax illi dan il-perjodu gie b'xi mod interrott, la hemm akkwiexxenza da parti tal-allegat debitur u lanqas jirrisulta illi l-istess allegat debitur ghamel xi pagament akkont tad-debitu pretiz.

Illi ghalhekk l-azzjoni vvantata mis-socjeta` attrici mill-aspett taghha kontra l-Korporazzjoni kjamata in kawza hija perenta a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement qeghda tillibera lill-Korporazzjoni Enemalta mill-osservanza tal-gudizzju.

Spejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------